MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 111/2009

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' Ottubru 2000 kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn liema zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn liema zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar kwalita' ta' l-intimat, liema kwalita' tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg da parti ta' l-intimat u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kontendenti ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi r-rikorrenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat huwa null u bla effett fil-ligi.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Ottubru tas-sena 2000 u sseparaw fl-20 ta’ Novembru tas-sena 2002 permezz ta’ kuntratt in atti Nutar Dr. Joe Debono u mill-liema zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

2. Illi l-esponenti jaqbel illi z-zwieg tieghu ghandu jigi dikjarat null u dan ai termini ta’ l-artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ dan pero’ b’ tortijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta’ Ottubru 2000 huwa null fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet, fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tan-nullita’ taz-zwieg unikament lill-attrici.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Ottubru 2000, meta allura l-konvenut kellu 22 sena u l-attrici kienet ghadha kif ghalqet it-18-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba’ [4] snin. Wara konvivenza qasira ta’ sena u ghaxar xhur, l-attrici telqet mid-dar konjugali, u wara ftit, qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor li minnu ghandha tarbija. Minn naha tieghu wkoll, il-konvenut, wara s-separazzjoni de facto dahal f’ relazzjoni ma’ mara ohra li minnha ghandu tarbija.

Illi fl-20 ta’ Novembru 2002, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li meta l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien huma kienu ghadhom zghar hafna, u meta kienet esprimiet ix-xewqa taghha li tizzewweg lill-konvenut, hi kienet ghadha minorenni; izda, nonostante l-oppozizzjoni minn naha tal-ġenituri taghha u anke tal-Kappillan, hija webbset rasha u ffissat id-data tat-tieg l-ghada li kellha tghalaq it-tmientax-il sena. Hija ma haditx il-pariri tal-ġenituri taghha li ma kienux kuntenti li ser tizzewweg ta’ dik l-eta’ u li kienet ser tizzewweg lill-konvenut li, skond huma, ma kienx jitrattaha tajjeb, u wkoll kellu l-vizzju tal-loghob. Izda tghid li hi kienet thobbu hafna lill-konvenut, u ghalhekk ghaddset rasha u fit-8 ta’ Ottubru 2000 il-partijiet izzewgu.

L-attrici tilmenta li waqt il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut kien abbuziv fil-konfront taghha, kemm moralment, kif ukoll fizikament, u tirrakkonta li anke fir-relazzjonijiet intimi huwa kien vjolenti maghha u nsensittiv ghal bzonnijiet taghha. Tghid li kemm il-konvenut, kif ukoll il-familjari tieghu kienu jghajjruha bil-persuna taghha; u ma kienx ihossha li hi mahbuba minn zewgha.

L-attrici tghid li zewgha kien infidel lejha, anke matul il-konvivenza matrimonjali qasira taghhom, tant li kienet hadet minghandu kundizzjoni medika trasmessa minn attivita’ sesswali. Tghid li meta hi telqet lil zewgha, dan kien mar mat-tfajla precedent tieghu.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jispjega li hu kien izzewweg lill-attrici fuq insistenza taghha, u, ghalkemm kien accetta li jizzewweg, anke ghax il-genituri taghha kienu ghenuhom hafna, huwa ma kienx hassu ppreparat ghaz-zwieg.

Huwa jakkuza lill-attrici li dina kienet infidilha lejh matul il-konvivenza matrimonjali, u li hi kienet telqet mid-dar konjugali sabiex tkompli bir-relazzjoni matrimonjali li

minnha twieldet tarbija. Huwa jghid li kien beda jissuspetta f' martu meta hija kienet tkun assenti hafna mid-dar u gieghli qabadha f' gidba dwar fejn kienet marret.

Huwa jichad li kien isawwatha, ghalkemm jammetti li darba kien refa' idejh fuqha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz, din il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li jezizti l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet li, bil-komportament taghhom matul il-konvivenza qasira taghhom, wrew li, f' dak l-istadju ta' hajjithom, huma kienu nkapaci li jezegwixxu obbligi necessarji ghall-hajja matrimonjali, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Jidher li l-immaturita' taghhom u, il-konsegwenjzali komportament egoistiku, kienu ta' ostakolu serju sabiex dawn jkunu jistghu jaghtu ruhhom lil xulxin fit-totalita' taghhom bil-ghan li jibnu komunjoni ta' hajja u mhabba bejniethom; u, ghalhekk mhux sorprendenti, li dan iz-zwieg sfaxxa fi zmien daqshekk qasir.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Ottubru 2000.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------